MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2012

Numru. 598/2006

Il-Pulizija
(Sp Bernard Spiteri)
vs
Emanuel Grogan, iben John, imwieled Paola fit-22 ta' Marzu, 1963, Karta ta' l-Identita numru 223163(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer fl-1 ta' Ġunju, 2006 fit-8.15 a.m. fi Triq J. F. Marks, San Gwann, ma ġemb l-iskola 'Saint Francis' u/jew fil-viċinanzi:
1. volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor u cioe' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni IMY 318, tal-għamla Ford, għad-dannu ta' David Debono minn Birkirkara liema ħsara teċċedi aktar minn Lm100 iżda anqas minn Lm1,000;
2. talli kkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq il-ġisem ta' David Debono skont kif iċċertifika Dr. M. Caruana M.D. tal-Gżira tal-Gżira Health Centre;

3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi qal kliem mhux xieraq li jikkonsisti f'dagħa;
5. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi ħebb sabiex jinġurja jew jagħmel ħsara lil David Debono.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali li ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommaraja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet ix-xhieda tal-parte ċivile David Debono fejn ħafret lill-imputat.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Għaldaqstant, minħabba r-rinunzja tal-parte ċivile tiddikjara l-proċediment ezawrit dwar l-ewwel, ir-raba' u il-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu. issibu ħati tat-tieni u tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 221 u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mija u ħamsin euro (€150).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------